MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 56/2010

**Y&P MARKETING (MALTA) LIMITED (C – 25999)**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-27 ta’ Settembru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti (i) ssib li hija ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali meta fl-10 ta’ Ġunju, 2010, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża fl-ismijiet “*The Planner Construction Limited (Reg. No. C5884) vs Y & P Marketing (Malta) Limited*” (Avviż Numru 140/06) bidlet il-verbal tas-seduta ta’ dak inhar li bih dik l-istess kawża kienet tħalliet *sine die* b’effetti drastiċi billi, minflok, il-kawża baqgħet titmexxa sas-sentenza minn wara dahar l-istess kumpannija rikorrenti; (ii) tordna t-tħassir tas-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-13 ta’ Lulju, 2010, fl-atti ta’ dik il-kawża; (iii) tordna li l-partijiet f’dik il-kawża jerġgħu jitqiegħdu fil-pożizzjoni li huma kienu fiha minnufih qabel ma ngħatat l-imsemmija sentenza u dan billi l-kumpannija rikorrenti tkun tista’ tibda tressaq il-provi tagħha f’dik il-kawża; (iv) tagħti dawk il-miżuri provviżorji li jidhrilha xierqa u meħtieġa sakemm tkun qiegħda tinstema’ din il-kawża; u (v) tagħti kull rimedju jew direttiva oħra li jidhrilha xierqa. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Settembru, 2010, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta’ Novembru, 2010, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-18 ta’ Ottubru, 2010, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li l-kumpannija rikorrenti naqset li tinqeda b’rimedju proċedurali ordinarju li setgħet bih tirranġa l-ħsara li hija tgħid li ġarrbet bl-għoti tas-sentenza. Żied jgħid li, fiċ-ċirkostanzi, jkun għaqli li tissejjaħ fil-kawża l-kumpannija The Planner Construction Limited, li kienet il-parti rebbieħa fis-sentenza li l-kumpannija rikorrenti qiegħda tattakka b’din il-kawża. Temm jgħid li l-mod kif qorti tmexxi l-proċedura f’kawża li tkun qiegħda tinstama’ quddiemha għandu jitħalla fid-diskrezzjoni ta’ dik il-qorti, sakemm ma jidhirx ċar li tkun seħħet inġustizzja: wera l-fehma li fil-każ li minnu tilminta l-kumpannija rikorrenti la seħħ ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2010[1], li bih l-intimat ma baqax jinsisti aktar għall-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll dawk tal-Avviż Numru 140/2006 li għalihom jirreferi l-ilment tal-kumpannija rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża saret għaliex il-kumpannija rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "Y&P") tgħid li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") bil-fatt li verbal li kien sar waqt smigħ f'kawża, li fiha hija kienet parti, nbidel mingħajr ma kienet taf bih, u dik il-kawża baqgħet miexja sas-sentenza bla ma hija kellha l-opportunita' tressaq il-provi tagħha u billi s-sentenza nqatgħet kontra tagħha u ma kenitx taf biha ħlief żmien wara, meta l-avukat tal-parti l-oħra (rebbieħa) bagħat jinterpellaha tħallas is-sorti u l-ispejjeż;

Illi l-intimat iwarrab l-ilment ta' Y&P billi jgħid li l-kumpannija rikorrenti naqset li tinqeda b'rimedju proċedurali ordinarju li setgħet bih tirranġa l-ħsara li hija tgħid li ġarrbet bl-għoti tas-sentenza. Żied jgħid li, fiċ-ċirkostanzi, jkun għaqli li tissejjaħ fil-kawża l-kumpannija

[1] Paġ. 25 tal-proċess

The Planner Construction Limited, li kienet il-parti rebbieħa fis-sentenza li l-kumpannija rikorrenti qiegħda tattakka b'din il-kawża. Temm jgħid li l-mod kif qorti tmexxi l-proċedura f'kawża li tkun qiegħda tinstama' quddiemha għandu jitħalla fid-diskrezzjoni ta' dik il-qorti, sakemm ma jidhirx ċar li tkun seħħet inġustizzja: wera l-fehma li fil-każ li minnu tilminta l-kumpannija rikorrenti la seħħ ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi waqt l-ewwel smigħ tal-kawża, l-intimat ma baqax jisħaq aktar fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Y&P kienet parti mħarrka f'kawża li fetħitilha kumpannija bl-isem ta' The Planner Construction Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "Planner") quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili)[2]. Fis-smigħ imħolli għall-14 ta' April, 2010, l-avukat difensur ta' Planner għarrfet lill-Qorti li l-patroċinata tagħha ma kienx għad fadlilha provi xi tressaq. Din id-dikjarazzjoni saret qabel ma l-kawża kien imissha tissejjaħ u tniżżlet fil-verbal tas-smigħ. Dak inhar, il-kawża tħalliet għall-10 ta' Ġunju, 2010, għall-provi ta' Y&P;

Illi fl-10 ta' Ġunju, 2010, l-avukat difensur u rappreżentant ta' Y&P dehru quddiem il-Qorti xi ħin wara li kien messha tissejjaħ, u sabu li kien tniżżel verbal mid-Deputat Reġistratur li jgħid li, billi ma kien deher ħadd, il-kawża kienet tħalliet *sine die*. L-avukat difensur ta' Y&P qara l-verbal[3] u għarraf lill-klijent tiegħu b'dan u li jekk kemm-il darba 'l quddiem kellu jirċievi xi karta oħra mill-Qorti dwar il-każ, kellu javżah minnufih;

Illi ġara li dak inhar, wara li r-rappreżentant ta' Y&P u l-avukat tagħha kienu tbiegħdu mill-awla fejn kienet issejħet il-kawża, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża wara li kien tniżżel il-verbal, deher l-avukat ta' Planner u tniżżel verbal fejn il-kawża tħalliet "għall-aħħar darba għall-5 ta' Lulju, 2010, bl-intendiment li wara tmur għas-sentenza". Dan sar wara li tħassret l-aħħar parti tal-verbal kif kien miktub

[2] Avviż. Nru. 140/06CSH
[3] Dok "Ċ", f'paġ. 16 tal-proċess

fl-ewwel lok u nkiteb dak li ssemma hawn fuq minfloku. Fil-5 ta' Lulju, 2010, il-kawża ssejħet u tħalliet għas-sentenza għat-13 ta' Lulju, 2010. Fit-13 ta' Lulju, 2010, ingħatat is-sentenza[4];

Illi b'ittra mibgħuta mill-avukat ta' Planner lil Y&P fil-25 ta' Awissu, 2010[5], din intalbet tħallas is-somma hemm imsemmija bħala sorti u spejjeż tal-kawża maqtugħa bl-imsemmija sentenza;

Illi Y&P minnufih kelmet lill-avukat tagħha biex tgħarrfu x'kienet irċeviet u, minn tiftix li għamel l-avukat tagħha, sab li tassew li kienet ingħatat is-sentenza msemmija fl-ittra tal-avukat ta' Planner u li l-verbal tas-smigħ tal-10 ta' Ġunju, 2010, kien inbidel (liema verżjoni mibdula kienet tniżżlet ukoll fis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja). Y&P ma kienet irċeviet l-ebda rikors tar-ri-appuntament tal-kawża minn dak inhar sa meta ngħatat is-sentenza;

Illi fis-27 ta' Settembru, 2010, Y&P fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>aspetti ta' dritt marbutin mal-każ</u> din il-Qorti sejra toqgħod fuq l-ilment ta' Y&P kif imressaq minnha, u jiġifieri li hija tqis li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq minħabba għamil li sar fit-tmexxija tal-kawża li fiha hija kienet waħda mill-partijiet, u liema għamil sar mingħajr ma kienet taf bih. Hija tisħaq li l-ilment inqala', mhux għaliex is-sentenza ngħatat favur Planner, iżda għaliex, bil-mod kif tmexxiet il-kawża, Y&P qatt ma kellha l-okkażjoni tressaq il-provi tagħha qabel ma l-qorti li kienu dehru quddiemha tat is-sentenza tagħha. Hija tgħid ukoll[6] li dan il-fatt, ukoll jekk temmen li ma sarx b'mod intenzjonali mill-Qorti li tat is-sentenza, xorta waħda ġabilha ksur ta' dak il-jedd fundamentali tagħha;

Illi Y&P tibni l-ilment tagħha kemm fuq l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

---

[4] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 14 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġ. 15 tal-proċess
[6] Xhieda tal-Avukat Robert Abela 25.1.2011, f'paġ. 30 tal-proċess

Illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*". Jidher li l-każ ta' Y&P jirreferi għall-aspetti ta' "smigħ xieraq" u "smigħ imparzjali u pubbliku";

Illi la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru sewwa x'jifhmu bil-kliem "smigħ xieraq" jew "smigħ imparzjali", u t-tifsira ta' dawn il-kunċetti tħalliet f'idejn il-qrati (kemm nazzjonali u l-Qorti ta' Strasbourg) biex jisiltu l-prinċipji ġenerali li huma meqjusa minn kulħadd bħala kriterji bażiċi ta' proċess ġudizzjarju mmexxi kif jixraq. Wieħed malajr jiġih f'moħħu r-regoli stabiliti ta' ħaqq naturali[7] li huwa l-kejl fundamentali li jiggarantixxi li lment imressaq jingħata smigħ kif imiss. Kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jiddedikaw dispożizzjonijiet li jitkellmu speċifikatament dwar il-proċess kriminali, iżda l-fehma hi li dawk ir-regoli jgħoddu wkoll għall-proċediment ċivili, *mutatis mutandis*. Madankollu, huwa aċċettat ukoll li "*from the lack of such an enumeration with regard to civil cases, the Court has concluded that the requirements inherent in the notion of a 'fair hearing' in civil cases are not necessarily identical to the requirements in criminal cases and that there exists a 'greater latitude' for the national authorities when dealing with civil cases than when dealing with criminal procedures*"[8];

Illi fost l-elementi ewlenin identifikati mill-qrati għall-finijiet tal-Konvenzjoni, wieħed isemmi (a) l-prinċipju tat-trattament indaqs tal-partijiet ("*equality of arms*") f'dak li

---

[7] *Audi et alteram partem, nemo judex in causam propriam* u l-għoti ta' deċiżjoni raġunata

[8] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit) pġ 579

huma l-aspetti proċedurali tat-tmexxija tal-każ, (b) il-prinċipju tat-tressiq tal-provi biex parti ssostni l-każ tagħha jew tirribatti l-każ tal-parti l-oħra, (ċ) l-prinċipju tal-jedd tal-preżenza fil-każ u għal smigħ u (d) l-prinċipju li d-deċiżjoni jew sentenza li tingħata tkun waħda motivata b'raġunijiet biżżejjed u mħabbra b'mod pubbliku li tagħti lil kull parti l-jedd ta' appell fi żmien xieraq (fejn dan il-jedd huwa mogħti mil-liġi). Dan kollu jingħad lil hinn mill-ħtiġijiet ta' qorti li tkun 'il fuq mill-partijiet u mhux imxaqilba lejn naħa jew oħra u ta' proċess li jitmexxa bil-ħeffa xierqa u bla tnikkir li jista' jkun evitat;

Illi dwar il-fatti tal-każ ftit hemm kontestazzjoni. Il-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati kienu nfetħu f'Mejju tal-2006 minn Planner kontra Y&P. Kienet assenjata għas-smigħ quddiem Maġistrat li quddiemu twettaq l-istadju tat-tressiq tal-kontestazzjoni għat-talba min-naħa ta' Y&P. Sa ma bdew jitressqu l-provi, l-każ kien assenjat lil Maġistrat ieħor. Bejn Marzu tal-2007[9] u Frar tal-2010[10], il-kawża kienet qiegħda titħalla għall-provi ta' Planner. Fis-smigħ tal-14 ta' April, 2010[11], l-għaref difensur ta' Planner għarrfet lill-Qorti li l-klijenta tagħha kienet għalqet il-provi tagħha. Dak inhar il-kawża tħalliet għall-provi ta' Y&P għall-10 ta' Ġunju, 2010;

Illi kien sewwasew fl-10 ta' Ġunju li, x'ħin rappreżentant ta' Y&P u l-avukat difensur tagħha daħlu fl-awla għall-kawża, sabu li d-Deputat Reġistratur kienet niżżlet li l-kawża tħalliet *sine die*. Aktar tard, dak il-verbal inbidel[12] wara li ngħad li kien deher l-avukat ta' Planner u l-kawża tħalliet "għall-aħħar darba għall-5 ta' Lulju, 2010 bl-intendiment li wara tmur għas-sentenza"[13]. Mix-xhud imressqa minn Y&P u konfrontata bil-kopja tal-verbal tas-smigħ[14], ma hemmx dubju li dak inhar li ssejħet il-kawża l-verbal li kien tniżżel kien tbiddel. Ix-xhud tisħaq li l-bdil ma sarx minn rajha, imma kienet qiegħda toqgħod għal dak li ordnatilha l-Qorti. Billi fil-5 ta' Lulju la dehret Y&P u lanqas l-avukat

[9] Paġ. 11 tal-atti tal-Avviż 140/06
[10] Paġ. 45 *ibid*
[11] Paġ,. 46 *ibid*
[12] Xhieda ta' Marbeck Spiteri 25.1.2011, f'paġġ. 37 – 9 tal-proċess
[13] Paġ 47 *ibid*
[14] Dok "Ċ" f'paġ. 16 tal-proċess

tagħha, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-13 ta' Lulju, u dak inhar tabilħaqq is-sentenza ngħatat. Y&P saret taf bis-sentenza biss meta lejn l-aħħar ta' Awissu tal-2010, l-avukat ta' Planner bagħat jinterpellaha tħallas is-*sorte* u l-ispejjeż taxxati. Minnufih, l-avukat ta' Y&P bagħat jgħarraf lill-kollega tiegħu b'dak li kien seħħ u li Y&P kienet sejra tieħu l-passi biex tirrimedja għal dak li ġara[15];

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u tal-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel, din il-Qorti ssib li l-ilment ta' Y&P huwa mistħoqq. Huwa minnu li r-regola hi li d-determinazzjoni ta' kwestjoni dwar jekk hemmx jew le ksur ta' jedd għal smigħ xieraq m'għandux jiddependi minn episodju wieħed iżolat, iżda minn dak li jkun seħħ fl-*iter* proċesswali kollu, b'mod partikolari jekk kemm-il darba tali episodju sata' jkun rettifikat fi stadju ieħor tal-kawża[16]. Huwa minnu wkoll li, llum il-ġurnata, wieħed jista' jsegwi dak kollu li jkun tniżżel f'verbal ta' kawża fuq is-sit elettroniku uffiċjali, fi ftit jiem wara li jkun sar u b'hekk wieħed jaf ikun jista' jirregola ruħu b'mod tempestiv. Iżda, f'dan il-każ, iċ-ċirkostanzi ma kenux tali li jitfgħu piż fuq Y&P u dan minħabba li, sa dak il-ħin li ngħatat it-tagħrif li l-kawża kontriha kienet tħalliet *sine die*, dak kien sewwasew l-istat tal-verbal li kien inkiteb. Minbarra dan, huwa aċċettat ukoll li ċirkostanza waħda ta' nuqqas tista' tkun determinanti għall-eżitu tal-kawża u, waħedha, tkun serja biżżejjed li twassal għall-ksur ta' l-jedd għal smigħ xieraq[17];

Illi l-bidla tal-verbal mhux fil-preżenza jew imqar b'komunika tal-avukat tal-parti l-oħra ma kienx magħruf minn Y&P u din ma kellhiex għaliex iddaħħal f'moħħha li dan sata' sar mingħajr ma tkun taf hi. F'każijiet fejn nuqqas bħal dan sar minn qorti jew uffiċjal tagħha taħt id-direzzjoni ta' dik il-qorti, il-ħsara li tkun ġarrbet xi parti fit-tmexxija 'l quddiem tal-każ tagħha, bla sehem min-naħa ta' dik il-parti, tqies li jikkostitwixxi ksur tal-jedd għal smigħ

---

15 Dok "RA1", f'paġġ. 28 – 9 tal-proċess
16 Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.379**)
17 Ara P.A. (Kost.) RCP **17.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Farruġia et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata) u s-sentenzi hemm imsemmija

xieraq li jitlob li dik il-parti tingħata rimedju għall-ħsara mġarrba[18];

Illi l-ħsara li ġarrbet Y&P f'dan il-każ kibret minħabba li, meta ngħatat is-sentenza, ma kienet l-anqas biss issuspettat li l-kawża kienet għadha miexja, u b'hekk lanqas kienet inqdiet bir-rimedju tal-appell f'waqtu li bih setgħet ikkontestat dik is-sentenza. Lanqas ma kien hemm miftuħ għaliha r-rimedju tar-ritrattazzjoni, minħabba li ċ-ċirkostanza li ġrat f'dan il-każ m'hijiex waħda minn dawk tassattivi maħsuba mil-liġi biex wieħed jitlob it-tħassir ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża;

Illi huwa minnu li dak li jitniżżel f'verbal ta' kawża normalment jitqies bħala turija ta' dak li jkun sar tabilħaqq. Iżda jaf ikun hemm ċirkostanzi fejn dak li jitniżżel f'verbal ma jkunx jirrifletti kulma jkun seħħ. F'każ bħal dan, qorti m'għandhiex *a priori* twarrab ix-xhieda maħlufa ta' persuni li jkunu preżenti li tiċċara jew li saħansitra tikkontesta dak li jkun tniżżel f'verbal bħal dak[19]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, il-kuntrast joħroġ minn qari tal-verbal innifsu u mhux minn xi ħaġa lil hinn minnu, għaliex fil-verżjoni oriġinali miktuba minn idejn id-deputat Reġistratur dak inhar tas-smigħ, il-verżjoni ta' Y&P toħroġ tassew;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tasal li ssib li Y&P tassew ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li tingħata smigħ xieraq u l-ewwel talba tagħha sejra tintlaqa';

Illi dan ifisser ukoll li **t-tieni talba** hija mistħoqqa wkoll. Dan għaliex il-ksur imġarrab ma jistax iħalli li s-sentenza mogħtija tibqa' tgawdi s-saħħa eżekutiva li l-liġi tagħti lis-sentenzi, ladarba jirriżulta li ngħatat f'ċirkostanzi li nisslu ksur ta' jedd fundamentali;

Illi bl-istess mod **it-tielet talba** jmissha tintlaqa' wkoll għaliex huwa b'dak il-mod biss li Y&P tkun qiegħda tingħatalha l-ewwel opportunita' biex tista' tressaq il-provi tagħha. Il-Qorti qiegħda tifhem li l-qagħda trid terġa' tmur

[18] Kost. **12.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri vs L-Avukat Ġenerali***
[19] Ara Q.E.D.B. **14.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Malta*** (Applik. Nru. 28040/08) § 48

lura għal dak l-istadju li kienet waslet fih il-kawża fl-10 ta' Ġunju tal-2010, jiġifieri l-istadju fejn Y&P kellha tressaq il-provi tagħha wara li Planner kienet iddikjarat li ma kienx għad fadlilha provi oħrajn xi tressaq;

Illi dwar **ir-raba' talba attriċi** l-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi provvedimenti provviżorji x'imisshom jingħataw. Dan jingħad ukoll għaliex, b'mod lejali, l-avukat difensur ta' planner kien serraħ moħħ id-difensur ta' Y&P li, sakemm tkun għadha miexja din il-kawża, ma kienx sejjer jitlob l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata. Kien ukoll minħabba f'hekk li l-Qorti ma dehrilhiex li kellha tilqa' t-talba tal-intimat li tordna wkoll is-sejħa fil-kawża ta' Planner, liema pass ma kien isarraf xejn għajr żieda ta' spejjeż bla bżonn;

Illi dwar **il-ħames talba** l-Qorti jidhrilha li t-tħassir tas-sentenza li minnha tilminta Y&P hija rimedju xieraq u sħiħ biżżejjed biex tfejjaq il-ħsara minnha mġarrba bil-ksur tal-jedd tagħha. Lanqas hemm lok għal xi direttiva oħra b'żieda ma' dak li diġa' ngħad aktar qabel f'din is-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tal-kumpannija rikorrenti billi ssib li hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, bid-deċiżjoni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) fl-10 ta' Ġunju, 2010, li tibdel il-verbal tas-smigħ li kien tniżżel qabel u bl-għoti tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2010 fil-kawża fl-ismijiet "*The Planner Construction Limited (Reg. No. C5884) vs Y & P Marketing (Malta) Limited*" (Avviż Numru 140/06);

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet** tal-kumpannija rikorrenti u qiegħda tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) fit-13 ta' Lulju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tordna li l-atti ta' dik il-kawża jerġgħu jintbagħtu lil dik il-Qorti biex, wara li tisma' x-xhieda u tiġbor il-provi li l-kumpannija rikorrenti jidhrilha li għandha

tressaq f'dik il-kawża, tiddeċiedi mill-ġdid dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet rispettivi;

**Tastjeni** milli tqis ir-**raba' talba** tal-kumpannija rikorrenti billi ma hemm l-ebda ħtieġa li tagħti xi provvediment provviżorju bħal dak minnha mitlub;

Għall-finijiet tal-**ħames talba** ssib li t-tħassir tas-sentenza u l-ordni tat-tkomplija tas-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa rimedju xieraq u biżżejjed għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija rikorrenti bil-ksur tal-jedd tagħha; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti **tħallas l-ispejjeż tagħha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------